MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 1132/2010

**GO PLC (C-22334)**
**Vs**
**Jeanette Stivala (K.I. 18605L)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' hames mija u hames ewro u disgha u sittin centezmu (€505.69) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta' attrici ghal servizzi ta' telefonija bin-numru 2158 1237 skont kif jirrizulta minn dokument 'A' anness mat-talba.

Il-konvenuta interpellata diversi drabi sabiex thallas baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-datat ta' l-ahhar pagament u cioe' mid-19 ta' Gunju, 2009 kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx ir-risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuta fit-22 ta' Novembru, 2010 mill-Prokuratur Legali Noel Scerri u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------